Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,657, 21 ta' Awissu, 1998
Taqsima B

A.L. 209 ta' l-1998

ATT DWAR ĦWEJJEĠ TA' L-IKEL, MEDIĊINALI U ILMA TAX-XORB (KAP. 231)

Regolamenti ta' l-1998 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Zalzett, Laħam Immellaħ u Laħam ieħor Ippreparat

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 12 u 28 ta' l-Att dwar Ħwejjeġ ta' l-Ikel, Mediċinali u Ilma tax-Xorb, il-Ministru tas-Saħħa, Kura ta' l-Anzjani u Affarijiet tal-Familja, fuq il-parir tal-Kunsill tas-Saħħa u ta' l-Awtorità ta' Malta għall-Għemil ta' *Standards*, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Zalzett, Laħam Immellaħ u Laħam ieħor Ippreparat, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1977 dwar Zalzett, Laħam Immellaħ u Laħam ieħor Ippreparat, ħawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 156 ta' l-1977.

Ħassar ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jitħassar.

Jissostitwixxi r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok ir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"6. (1) Ħadd ma jista' juża xi fond bħala fabbrika jew stabbiliment ieħor simili, ikun kif ikun imsejjaħ, kemm-il darba ma jkunx ħemm dwar dak il-fond liċenza valida għal dak l-għan maħruġa mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, u ħadd ma jista' jiftaħ jew jiġġestixxi xi stabbiliment bħal dak kemm-il darba ma jkollux liċenza valida għal dak l-għan mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.

(2) Ma tingħata jew tiġġedded ebda liċenza taħt il-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament jekk il-fond, it-tagħmir, il-faċilitajiet kif ukoll il-persunal ma jkunx tali li jipprovdu dak l-*istandard* ta' zalzett, *hamburgers*, *beefburgers*, u laħam ippreparat b'mod simili, laħam immellaħ jew laħam ippreparat xort'oħra, hekk kif is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika iqis li jkun sodisfaċenti.

(3) Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jista', meta jagħti jew iġedded liċenza taħt il-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, jimponi kull kondizzjoni li huwa jqis li tkun xierqa u jista' jirrestrinġi dawk l-attivitajiet li jistgħu jiġu ġestiti fil-fond.

(4) Meta jintuża xi fond jew isir xi għemil bi ksur ta' xi kondizzjoni jew restrizzjoni li tkun tinsab f'xi liċenza li tkun inħarġet jew iġġeddet taħt il-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, dak il-fond hekk użat u dak il-għemil hekk magħmul għandhom jitqiesu bħala li ġew hekk użati jew magħmulin mingħajr il-liċenza meħtieġa b'dan ir-regolament.

(5) Liċenza maħruġa bis-saħħa tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru tas-sena li fiha tkun inħarġet, iżda dik il-liċenza tista' tiġġedded mis-Superintendent tas-Saħħa Pubblika minn sena għal sena.".

Ħassar ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jitħassar.

Issostitwixxi r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

5. Minflok ir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"10. Ħadd ma għandu jbiegħ xi zalzett, *hamburgers*, *beefburgers*, laħam immellaħ jew laħam ippreparat xort'oħra, kemm-il darba l-prodott ma jkunx jaqbel għal kollox mad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 6 u 7 ta' dawn ir-regolamenti, u kemm-il darba l-prodott ma jkunx ġie proċessat ġewwa fond li jkollu liċenza skond ma hemm f'dawk ir-regolamenti.".